# Ċ. Innu Lil San Gejtanu Tiene

Bil-ħsieb ta' Missier twajjeb,
imexxi Alla l-ħolqien;
Bla ħsieb, bla xogħol il-ħlejjaq,
jgħannulu lkoll flimkien.

Għallimna kif Gejtanu,
Hu jgħajjex lilna wkoll
Għax aħna ulied Ibnu,
b'Demmu mifdija lkoll.

Xi ħlewwa f'dak ilsienek,
x'kobor ta' ħsibijiet,
X'imħabba ġewwa qalbek,
u tama fis-smewwiet.

Bħal xempju ta' qdusija,
Gejtanu dhert fiż-żmien;
Ħallina lkoll ninsġulek,
għanja ta' ferħ flimkien.

Il-qawwa ta' Luteru,
inti felħan kissirt,
U l-fidi mqaddsa ta' Alla,
bla serħ inti fissirt;

Għallimt li l-Knisja hi waħda,
kull waqt u kullimkien,
Għax rabta waħda torbot,
l-Insara lkoll flimkien.

Xi ħlewwa f'dak ilsienek, eċċ...

Għat-tul ta' erbgħin siegħa,
mixħut għal wiċċek fl-art,
Tajt qima 'l Ġesu' fl-Ostja,
f'żina ta' dawl u ward.

Għax l-għaxqa li troxx minnu,
tpaxxi l-ġisem u r-ruħ
Kull bniedem biha mseddaq,
qatt jitlef, qatt mirbuħ.

Xi ħlewwa f'dak ilsienek, eċċ...

*din il-poeżija dehret l-ewwel darba fil-ktieb Tifkira tar-Raba' Ċentinarju mill-mewt ta' San Gejtanu, 1947, maħruġ mill-Parroċċa San Gejtanu, Ħamrun*